# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 12 ta' Marzu 2001

Citazzjoni numru 2302/97 AJM

Kawza numru

Doctor Vincent Falzon bhala kuratur tal-interdetti Salvatore u Giuseppe ahwa Magro

Vs

Raymond u Salvina mizzewgin Mifsud.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-8 ta' Ottubru 1997 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi b'digriet numru 1042/1967 moghti mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Dicembru 1967 (Dok X) hawn anness l-istanti gie nominat kuratur ta' l-interdetti Salvatore u Giuseppe ahwa Magro, illi wiehed minn dawn l-ahwa cioe Giuseppe Magro miet fid-9 ta' Marzu 1997 kif jidher mill-anness certifikat tal-mewt (Dok Y); illi dan l-ahhar l-istanti skopra illi b'testment pubblikat minn Nutar Pierre Falzon fl-4 ta' Ottubru 1995 l-imsemmi Giuseppe

Magro nnomina u istitwixxa bhala eredi universali tieghu lill-konvenuti meta kif jidher mid-digriet tas-Sekond Awla fuq imsemmi huwa kien gie interdett tlettin sena ilu peress illi d-decujus u huh ma' setghux jamministraw hwejjighom u jaghmlu atti civili billi kienu dikjarati mbecilli, peress li konsegwentement it-testment fuq imsemmi ma ghandu jkollu ebda validita' legali; talab li din l-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddecidi illi t-testment pubblikat minn Nutar Pierre Falzon fl-4 ta' Ottubru 1995 maghmul mill-mejjet Giuseppe Magro huwa null u bla effett legali ghar-ragunijiet fuq moghtija.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mil-attur.

Rat in-nota tal-konvenuti presentata fit-3 ta' Gunju 1998 li permezz taghha eccepew:-

1. Illi l-attur nomine ma ghandux interess guridiku billi mal-mewt ta' l-imsemmi Giuseppe Magro giet terminata ipso jure il-kurazija ta' Dottor Vincent Falzon.
2. Illi ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
3. Illi jkun x'ikun l-ezitu ta' din il-kawza, il-konvenuti mhuma hatja ta' ebda nuqqas u ghalhekk m'ghandhomx ibghatu l-ispejjes ta' din il-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenuti.

Rat il-kontro talba tal-konvenuti li permezz taghha wara li ppremettew illi ghal bosta snin it-tnejn li huma rrendew servigi lill-interdetti Salvatore u Giuseppe ahwa Magro u li ghalhekk huma ghandhom jigu kompensati; illi huma qatt ma hadu ebda forma ta' kumpens ghas-servigi minnhom resi; illi l-attur rikonvenzjonat kien gie nominat b'digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta' Dicembru 1967 kuratur biex jamministra l-proprjeta' ta' u biex jirrapresenta lill-interdetti hawn fuq imsemmija; talbu li din l-Qorti:-

1. tiddikjara li Raymond u Salvina konjugi Mifsud ghal dawn l-ahhar snin irrendew servigi kemm lil Giuseppe Magro kif ukoll lill-Salvatore Magro;
2. tiddikjara li huma ghandhom jigu kumpensati ghas-servigi minnhom resi;
3. tillikwida l-kumpens misthoq ghas-servigi minnhom kommessi;
4. tordna lill-attur rikonvenzjonat ihallas lil Raymond u Salvina Mifsud l-ammont hekk likwidat u dikjarat dovut lilhom.

Bl-ispejjes u bl-interessi kontra l-attur rikonvenzjonat li minn issa hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-attur presentata fil-15 ta' Gunju 1998 li permezz taghha eccepixxa:-

1. In-nullita' tal-kontro talba peress li din ma hijiex konnessa mat-talba tal-attur u mhux gejja mill-istess fatt.
2. Illi bla pregudizzju din it-talba tikkontradixxi l-istess eccezzjoni tal-konvenuti illi l-eccipjent ma ghandux "locus standi" f'din il-vertenza peress li bil-mewt ta' Giuseppe Magro giet terminata l-kurazija.

3. Fil-mertu l-konvenuti ma humiex intitolati ghal kumpens ta’ servigi peress li gew regolarment imhallsin mid-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali biex imantnu lill-mejjet u hu Salvatore.

Rat is-sentenza ta’ din l-Qorti diversament preseduta ta’ l-1 ta’ Gunju 1999 meta l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti giet michuda.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament preseduta tat-13 ta’ Lulju 1997 meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta ta’ l-1 ta’ Dicembru 1999 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat is-sentenza preleiminari taghha tal-5 ta’ Mejju 2000 meta l-kontro talba tal-konvenuti giet dikjarata irrita u nulla u b’hekk illiberat lill-attur mill-osservanza tal-gudizzju fl-imsemmija kontro talba, bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tad-9 ta’ Frar 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

B’digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili numru 760/1967 Giuseppe Magro, flimkien ma huh Giuseppe, gew interdetti milli jaghmlu l-atti civili kif jipprovdi l-artikolu 189 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

B'effetti minn dak id-digriet kull att hekk maghmul mill-interdett huwa null skond ma jipprovdi l-artikolu 525 tal-Kap 12.

Giuseppe Magro, kontra d-divjet naxxenti mill-interdizzjoni tieghu, iddispona mill-assi tieghu ghal wara mewtu in forza ta' testment tal-4 ta' Ottubru 1995 fl-atti tanNutar Pierre Falzon li permezz tieghu, wara li t-testatur hassar u irrevoka kull testment li seta' ghamel precedentement, istitwixxa bhala eredi universali tieghu u padruni assoluti tal-gid tieghu lill-konvenuti fi kwoti ndaqs bejniethom.

Illi dawn il-proceduri, li gew istitwiti mill-kuratur tal-istess Giuseppe Magro Dr. Vincent Falzon, mahtur in forza ta' digriet tal-Onorabbli Qorti Sekond Awla tal-15 ta' Dicembru 1967 (digriet numru 1042/1967) u dan a termini tal-artikolu 192 tal-Kap 16, huma intizi sabiex l-imsemmi testment jigi dikjarat null u bla effett.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bl-aktar mod car li t-talba ghandha tigi akkolta u x-xhieda moghtija mil-konvenuti tista' biss tigi kunsidata ghal fini ta' temperament fil-kap ta' l-ispejjes.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tilqa' t-talba attrici u b'hekk tiddikjara null u bla effett it-testment pubblikat min-Nutar Pierre Falzon fl-4 ta' Ottubru 1995 maghmul mill-mejjet Giuseppe Magro u tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghad, tramite r-Registratur tal-Qorti, lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

L-ispejjes fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.